SAN LAWRENZ

Il-Minuti tas-sitt laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2015 fis-2.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

***Sindku:*** Is-Sur Noel Formosa
***Viċi-Sindku:*** Is-Sur Anthony Formosa
***Kunsilliera:*** Is-Sur Franco Buhagiar
Is-Sinjorina Carmela Grima
Is-Sur Joseph Michael Cauchi

***L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ:*** Is-Sinjorina Reneè Formosa

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

**1.0 Talba**

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

**2.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Il-Minuti tal-ħames laqgħa tal-Kunsill ittieħdu bħala li nqraw peress li kienu mibgħuta minn qabel permezz ta' *e-mail*. Saret korrezzjoni fil-punt 3.7 fejn se jiżdied li dik il-materja għandha terġa' tiġi diskussa. Il-minuti ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

***Matters Arising mill-minuti ta' l-aħħar laqgħa:***

2.2 (2.2) Dwar l-*open skips* jidher li bħalissa miexi sew u m'hemmx ilmenti dwaru.

2.3 (2.1) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li x-xogħol meħtieġ biex titnaddaf l-għalqa ta' Maria Cauchi, tlesta minn kollox. Is-Sindku rringrazzja lil Viċi-Sindku, is-Sur Anthony Formosa għall-inizjattiva u l-impenn tiegħu biex dan ix-xogħol seta' jseħħ.

2.4 (2.4) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kkuntattjah l-artist Joseph G. Scerri sabiex jagħmel monument fir-raħal ta' San Lawrenz. Is-Sindku ddiskuta miegħu il-proposta tal-istatwi li jirrappreżentaw partijiet mill-ħajja tar-raħal li kienet ġiet diskussa qabel mill-Kunsill. Għalhekk se napplikaw taħt l-iskema 'Art in Public Spaces Programme 2016-2018' mnedija mill-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura flimkien mal-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Il-Kunsill Malti tal-Arti u MUŻA.

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-ħaddiem assenjat magħna, is-Sur Mark Fiteni, beda l-manutenzjoni fuq il-monumenti li hawn fir-raħal.

2.5 (2.9) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillier is-Sur Franco Buhagiar u wara laqgħa li għamlu flimkien mal-Kunsilliera Carmela Grima marru tkellmu ma' operatur tad-*Day Tours* sabiex l-*Information Centre* tad-

Dwejra jiġi nkluż fil-programm tad-*Day Tours* li jsiru f'Għawdex. Mill-kalkoli li saru jidher li jekk iżuru dan iċ-ċentru 60 persuna bil-€1 għandna nkopru tajjeb l-ispejjeż li jinvolvi dan iċ-ċentru. Il-problema li hemm hija li għall-ħin li hemm allokat għad-Dwejra mill-programm ta' ġurnata, ma jkunx biżżejjed biex it-turisti jidħlu kollha f'dan iċ-Ċentru peress li ma jesgħax ħafna nies f'daqqa. Is-Sur Franco Buhagiar qal li l-istess operatur se jiġi personalment u jara l-post. Is-Sindku qal li huma ssuġġerew metodi oħra biex jekk ma naslux hekk nistgħu nippruvaw li jibbukkjaw dawk li ma jkunux ma grupp. Imma għalissa se nistennew li dan l-operatur jiġi jara l-post.

2.6 (3.7) Is-Sindku s-Sur Noel Formosa qal li rigward it-talba tas-Sur Michael Nolle, tkellem mas-Sur Richard Cauchi. Ingħad li fl-isqaq hemm fanal żejjed. Għalissa se ngħidu lis-Sur Cauchi sabiex jitfi wieħed biex naraw x'effett ikun hemm. Il-lampi se jinbidlu u jiġu ta' kulur abjad-safrani (*warm light*) flok dak li hemm. Jekk il-fanal li jintefa' jirriżulta żejjed f'dak l-isqaq, jinqala' u jitpoġġa x'imkien ieħor fejn hemm bżonn.

2.7 (4.0) Is-Sindku s-Sur Noel Formosa qal li l-attivitajiet konnessi mal-10 anniversarju tal-ġemellaġġ ma' Colle Umberto, marru tajjeb ħafna. Huwa qal li grazzi kbira tmur għall-Assoċjazzjoni tal-Ġemellaġġ li ħadmu bla heda biex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess. Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-istess Assoċjazzjoni.

2.8 (5.1) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nnota li fejn tpoġġew il-*mobile toilets* kien xi ftit 'il bogħod biex setgħu jintużaw faċilment. Intqal ukoll li ma kienx hemm *signs* biżżejjed li juri li kien hemm *mobile toilets.*

2.9 (5.2) Rigward l-indafa fil-festa, intqal li *litter bins* ma kienx hemm biżżejjed u għalhekk għall-festa oħra jistgħu jitpoġġew aktar. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Cauchi ssuġġerixxa li jsiru tankijiet bi *sticker* fuqhom li fuqha jkun hemm tip ta' *slogan* biex tattira lin-nies preżenti għall-festa sabiex jarmu f'dawn it-tankijiet. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment li se jiġi kkunsidrat meta toqrob festa oħra.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 *E-mail* mingħand is-Sur Michael Buhagiar mill-Ministeru għal Għawdex fejn għarrafna li mil-lum 'il quddiem xogħlijiet approvati minn Transport Malta jridu jintbagħtu lilu, biex huwa jieħu ħsieb li javża b'dawn ix-xogħlijiet lis-Sur Mark Formosa, id-Direttur tal-Proġetti u Xogħlijiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, biex jawtorizza lis-Sur Anton Buġeja biex jieħu ħsieb li x-xogħlijiet isiru. Minn naħa tat-Transport Malta ser jipprovdu *Enforcement Officer* biex ikun preżenti waqt li jkunu qed isiru x-xogħlijiet mitluba. Dan biex ix-xogħlijiet isiru aktar professjonali u jsiru kull xahar kollha f'daqqa.

3.2 *E-mail* mingħand il-Perit Ivana Farrugia fejn ikkonfermat li x-xogħlijiet li kellu jagħmel is-Sur Joe Grima fuq il-*water culvert* fi sqaq Numru 12 huma konklużi.

3.3 Kopja ta' *e-mail* li s-Sur Malcolm Scerri bagħat lil Transport Malta dwar il-periklu li hemm fi Triq id-Dwejra peress li m'hemm l-ebda indikazzjonijiet li din it-triq hija *two way* b'konsegwenza li xufiera li ma jżommux mal-linja tagħhom, jistgħu faċilment jikkaġunaw inċident. Huwa qed jitlob is-sapport tal-Kunsill fuq dan il-punt li qed iressaq. Il-Kunsill qabel mal-punt tas-Sur Scerri u għalhekk se nirrispondu lis-Sur Scerri biex jingħata s-sapport mill-Kunsill.

3.4 *Memo 20/2015* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talab kopja tal-pubblikazzjonijiet maħruġa mill-Kunsill Lokali b'informazzjoni dwar ir-raħal u qed jitolbu wkoll lista ta' niċeċ li hawn fir-raħal ta' San Lawrenz. Se jintbagħtu kopja tal-ktieb ta' informazzjoni dwar il-lokalita' ta' San Lawrenz, kif ukoll il-lista tan-niċeċ li hawn fir-raħal.

3.5 *E-mail* mingħand is-Sur Joseph Mizzi għan-nom tal-*Project Manager* Ms Carmen Nygaard, koordinatur tal-Proġett 16+ mniedi mill-Minsteru tal-Edukazzjoni. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jilħaq lil dawk iż-żgħażagħ li la komplew skola u lanqas sabu xogħol. Ġew identifikati numru ta' żgħażagħ minn kull lokalita' u l-orgniżaturi qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jipprovdu post fejn ikun jista' jsir *interview* lil dawn iż-żgħażagħ. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

3.6 Stima mingħand il-Perit Shawn Micallef għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-monumenti li hawn fir-raħal. L-istima tinkludi x-xogħlijiet tal-monumenti biss u mhux l-*area* tal-madwar. L-istima nħadmet fuq il-monument tal-gwerra, monument ta' fejn l-iskola fuq in-naħa ta' barra, monument tal-iskola fuq ġewwa u monument ħdejn il-*plots* tal-Gvern. L-istima ntelgħet għal madwar €1,100. Dawn ix-xogħlijiet qed isiru mill-ħaddiem assenjat magħna minn skema li ħareġ il-Ministeru għal Għawdex.

3.7 Ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn bagħtitilna kopja ta' permess li ħareġ mid-Dipartiment tal-Artijiet lil ċertu Peter Camilleri sabiex ikun jista' jarma *mobile kiosk* fil-bajja tad-Dwejra għall-perjodu bejn il-15 ta' Mejju 2015 u l-15 ta' Ottubru 2015. Konnessjoni mal-istess permess, irċevejna ittra mingħand il-Perit Teddie Busuttil sabiex il-Kunsill jagħti *No objection* għall-applikazzjoni li ser tiġi sottomessa lil MEPA sabiex l-istess Peter Camilleri jkun jista' jirranġa l-*mobile kiosk* eżistenti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni u minħabba l-kwalita' tas-sit, il-Kunsill iħoss li mhux f'posizzjoni li jagħti opinjoni dwar is-suġġett.

3.8 *E-mail* mingħand is-Sinjura Antoinette Vassallo, *Chairperson* fl-Awtorita' tad-Djar fejn infurmat lill-Kunsill li l-Awtorita' tad-Djar mhix responsabbli minn ebda manutenzjoni tal-proġett tal-*belvedere* Colle Umberto u għalhekk m'aċċettawx li jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa huma. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li din il-manutenzjoni, b'xi mod jew ieħor, trid issir. Huwa qal li għal dan il-għan il-Kunsill jista' jitulizza l-fondi li hemm allokati taħt l-*Urban Improvement Funds.* Għalhekk ġie deċiż li ssir talba għal dawn il-fondi biex hekk ikun hemm bidu għal din il-manutenzjoni. Sadanittant se jiġi kkuntattjat is-Sur Chris Cini sabiex jagħmel disinn tal-ħadid biex hekk tkun tista' tingabar stima ta' kemm jiġi jiswa l-ħadid bejn kolonna u oħra. Imbagħad dan id-disinn jingħata lis-Sinjuri Lawrence Mizzi, Johnny Micallef u Joe Piscopo sabiex hekk ikunu jistgħu jaħdmu din l-istima.

3.9 *E-mail* mingħand is-Sur Michael Refalo, Kap tal-Iskola ta' San Lawrenz fejn għamel talba sabiex il-Kunsill jixtri żewġt imwejjed biex jintużaw fil-kċina tal-iskola li dan l-aħħar ġiet rinovata. Wara diskussjoni l-Kunsill ddeċieda li tinxtara mejda waħda. Din tkun proprjeta' tal-Kunsill u meta jkollhom bżonnha l-iskola jkunu jistgħu jużawha.

3.10 *E-mail* mingħand Marija Buġeja mill-*Malta University Consulting Ltd.* Fejn infurmatna li se jsir kors ta' ħames sezzjonijiet fuq id-Dimensja u l-Kura fil-Kommunita'. Dan il-kors se jipprovdi għarfien ewlieni lil min jieħu ħsieb nies bid-

dimensja biex bil-ħiliet baxiċi ikunu jistgħu jieħdu ħsieb lil qrabathom li jbatu minn din il-marda f'darhom stess. Intqal li dan huwa kors tajjeb ħafna u għalhekk ser issir talba biex jiġi organizzat kors simili f'Għawdex u anke' noffru li l-Kunsill jgħin sabiex jinstab post addattat fejn isir dan il-kors.

3.11 *E-mail* mingħand is-Sur George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun t'Għawdex fejn informa lill-Kunsill li qed jiġi ppjanat proġett ambjentali fuq l-Għola ta' Għammar u qed tintalab il-kollaborazzjoni ta' kull Kunsill Lokali Għawdxi. Il-proġett jikkonsisti billi fuq l-Għolja ta' Għammar ser isir ġnien botaniku b'siġar msemmija fil-Bibbja u għalhekk qed issir talba sabiex il-Kunsill Lokali jħallsu siġra jew tnejn mis-siġar li ser jifformaw dan il-ġnien. Il-prezz ta' kull siġra huwa ta' €7. Il-Kunsill qabel li joffri żewġ siġriet.

3.12 *E-mail* mingħand is-Sur Michael Buhagiar fejn bagħtilna kopja ta' talba li saret lis-Sur Mark Formosa bħala Direttur, biex fid-Dwejra ssir tabella li tindika żona ta' parkeġġ għall-użu tad-*divers*. Diġa' hemm *area* stabbilita peress li hemm parti li saret bil-konkos apposta. Kull ma jrid isir hu li titwaħħal tabella. Is-Sur Buhagiar, f'isem il-Ministeru għal Għawdex qed jitlob l-approvazzjoni tal-kunsill biex titwaħħal din it-tabella. Il-Kunsill approva li titwaħħal din it-tabella.

3.13 *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn infurmawna li ser issir laqgħa plenarja nhar is-Sibt 17 t'Ottubru, 2015 għas-Sindki, Viċi-Sindki u Kunsilliera kollha. Aktar dettalji għandhom jintbagħtu fil-futur qarib imma ġie mitlub biex din il-ġurnata titħalla mingħajr attivitajiet biex ikun hemm attendenza tajba. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' din l-*e-mail* u meta tintbagħat aktar informazzjoni, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv se tieħu ħsieb li tgħaddiha lil kull membru tal-Kunsill.

3.14 Ittra mill-Fondazzjoni Valletta 2018 fejn infurmawna li s-sit **culturemapmalta.com** tlesta. Huma stiednu lill-Kunsilli Lokali sabiex jivverifikaw l-informazzjoni dwar l-imkejjen kulturali fil-lokalita kif ukoll jistgħu jżidu ritratti u anke aktar tagħrif. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3.15 Kopja ta' *e-mail* li ntbagħtet mill-kuntrattur Thomas Xerri lill-Perit tal-Kunsill dwar il-*bollards* tal-Pjazza. Il-kuntrattur qed jgħid li lest li jbiddel 11-il *bollard.* Pero' l-*bollards* li għandu m'humiex l-istess eżatt bħal dawk li diġa' hemm. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrispondiet din l-*e-mail* fejn saret enfasi li l-Kunsill mhux se jaċċetta li jinbidlu parti mill-*bollards* biex noqgħodu nraqqgħu jew inlaqqtu biex taparsi l-ħsara ssewwiet. Intalab li l-*bollards* li se jinbidlu għandhom ikunu bħal dawk eżistenti. Jekk le, għandhom jinbidlu kollha ħalli l-pjazza tkun uniformi waħda.

3.16 *E-mail* mingħand is-Sinjorina Jeanne Borġ fejn ġibdet l-attenzjoni dwar Memo 20/2014 li kien jitratta t-tindif ta' *water culverts*. Intalab li għandna nimxu ma dan il-*memo* u għandhom jiġu mnaddfa l-kanali tal-ilma li hawn fil-lokalita'. Fir-raħal hawn 3 *water culverts* li jridu jitnaddfu. Hemm tnejn fi Triq il-Wileġ u ieħor matul Triq id-Duluri kollha. Se nibgħatu lis-Sur Victor Formosa flimkien mal-ħaddiem assenjat magħna s-Sur Mark Fiteni sabiex inaddfu dawn il-*water culverts.*

3.17 *E-mail* mingħand il-Perit Emanuel Vella fejn staqsiena jekk il-Kunsill hux se jkompli jipproċiedi fuq applikazzjoni li kienet saret sabiex il-latrina tad-Dwejra titwaqqa' u terġa' tinbena. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ma jkomplix b'din l-applikazzjoni bir-raġuni prinċipali tkun is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Sadanittant se nikkuntattjaw lis-Sinjura Esther Bajada fi ħdan il-

Ministeru għal Għawdex u naraw jekk dan il-proġett iridx ikomplih il-Ministeru għal Għawdex peress li diġa' hemm xogħol amministrattiv lest.

3.18 *E-mail* mingħand is-Sur Renzo Curmi fejn tana tagħrif dwar il-bdil tal-lampi li qed isir f'kull lokalita' u staqsiena kemm se nżommu *stock* mill-qodma sabiex jekk ikollna xi ħsara nużaw minnhom. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li jżomm 10 kemm hu rakkomandat mill-istess Inġinier Curmi.

3.19 *E-mail* mingħand Isabelle Camilleri Aquilina fejn bagħtitilna l-linja ta' gwidi sabiex nkunu nistgħu napplikaw għall-fondi fuq attivitajiet kulturali.

3.20 Memo 19/2015 mingħand id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sur Carmel Abela, dwar l-inkonvenjenti fit-traffiku li qed jinħolqu waqt il-ġbir tal-iskart domestiku u l-ħin tal-iskola. Ġiet ippreżentata formola sabiex kull Kunsill Lokali jagħti l-opinjoni tiegħu. Wara diskussjoni mill-membri preżenti ġie deċiż li nirrispondu li l-ħin tal-ġbir tal-iskart huwa f'ħin idejali u bl-ebda mod m'hu qed ikun hemm konġestjoni waqt il-ħin tal-iskola jew waqt li kulħadd sejjer jew ġej mix-xogħol. L-iskart jinġabar qabel il-ħin li jibdew neżlin il-*coaches* fil-bajja tad-Dwejra. Biex ġie stabbilit dan il-ħin li qed jinġabar fih fil-preżent, sar studju bir-reqqa biex jinstab ħin li jkun idejali kemm għar-residenti kif ukoll li jkun l-inqas ta' nkonvenjent għall-attivita' tal-ġurnata ta' dan ir-raħal.

## 4.0 *Belvedere Colle Umberto* – Bidu ta' manutenzjoni

4.1 Din il-materja ġiet diskussa waqt l-*item* tal-korrispondenza f'punt 3.8.

## 5.0 It-tieni kisja tarmak tal-aħħar parti ta' Triq Wileġ

5.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li l-aħħar parti ta' Triq Wileġ għad jonqosha l-aħħar kisja ta' tarmak. Pero' minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja żgur li bħalissa ma jistax isir tarmak. Ġie deċiż li nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex u naraw jistax jgħinna f'dan il-każ. Sadanittant ħofra li hemm f'din it-triq ser tingħata l-*patching.*

## 7.0 Azzjoni dwar il-problema tal-iskart fi Triq it-Torri

7.1 Is-Sindku s-Sur Noel Formosa qal li f'ġurnata partikolari mar hu flimkien mas-Sur Victor Formosa sabiex jiġbru skart minn Triq it-Torri wara ħafna lmenti li daħlu mingħand ir-residenti ta' dik it-triq. Il-Kunsilliera nnuttaw dan il-ġest u offrew li jekk jiġri każ simili huma lesti li jingħaqdu flimkien mas-Sindku sabiex ilkoll flimkien juru lill-poplu ta' San Lawrenz li l-Kunsill qed jagħti każ l-ilmenti tagħhom. Saret diskussjoni fuq din il-problema kontinwa li teżisti f'din it-triq. Ġie deċiż li l-*hangers* jinqalgħu. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li huwa ssuġġerrixxa lir-residenti tal-blokk tal-*flats* biex jagħmlu 'l ġewwa mill-bieb prinċipali tal-blokka, imbagħad jinħareġ minnhom stess waqt il-ħin tal-ġbir tal-iskart. Ġie deċiż ukoll mill-membri preżenti li jsir aktar infurzar. Għalhekk ser jiġu ordnati l-*Green Wardens* għal nhar it-8 ta' Settembru peress li hija festa nazzjonali u jkun *long weekend*. Se ngħidulhom jiġu bejn is-1.00 pm u l-4.00 pm.

SAN LAWRENZ

## 8.0 Materji Oħra

8.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, f'isem il-Kunsill, rringrazzja lill-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ, is-Sinjorina Renee Formosa, li flimkien ma' żgħażagħ oħrajn mil-lokalità, fosthom il-Kunsillier is-Sur Joseph Cauchi, Jason Teuma, Valeria Theuma, Louis Buttigieg u oħrajn, ħadu ħsieb li organizzaw l-attivita' tal-*Boat Party.* Huwa qal li l-attività rnexxiet u kull min attenda ħa pjaċir u kien sodisfatt.

Is-Sinjorina Formosa tat rendikont ta' kif marret din l-attività u qalet li l-attività ntlaqgħet tajjeb ħafna minn kulħadd. Kull min attenda ħallas €20. Peress li kien hemm minn ħassar minħabba mard, ma nġabrux flus biżżejjed biex jiġu koperti l-ispejjeż kollha kemm tad-dgħajsa kif ukoll ta' xi ikel li ġie ppreparat għal waqt din l-attività. Bħal ma ġie deċiż f'laqgħa preċedenti din id-differenza ser tiġi mħallsa mill-Kunsill. Is-Sinjorina Formosa, f'isem il-voluntiera li ħadu ħsieb din l-attività kif ukoll f'isem minn attenda, irringrazzjat lill-Kunsill għal din l-inizjattiva.

Is-Sindku semma' l-attività l-oħra li kienet ser tiġi organizzata mill-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ, ta' *weekend break* qabel terġa' tibda l-iskola. Huwa qal li l-Kappillan xtaq jagħmel *live-in* għaż-żgħażagħ qabel jispiċċa s-Sajf. Għalhekk peress li l-attività hija simili, ġie deċiż li l-*weekend break* jiġi pospost.

8.2 Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar qal li kellu xi lmenti minħabba l-Bus Stop eżistenti li hemm fid-Dwejra, peress li fejn qegħda llum la wieħed jista' jistkenn mix-xita u lanqas joqgħod għad-dell. Huwa ssuġġerixxa li titneħħa minn fejn hi u ssir quddiem il-ħanut tal-Gozo Glass li peress li hemm il-bini jagħmel xi ftit dell u anke' jekk tkun ix-xita wieħed jista' jistkenn. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment u ser ngħaddu din it-talba lil Transport Malta.

8.3 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ssuġġerixxa biex fl-eqreb Bus Stop qrib il-lukanda Kempinski tissemma' l-kelma Kempinski biex turisti li jkunu alloġġjati f'din il-lukanda tkun ta' indikazzjoni għalihom li waslu fid-destinazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u ser issir talba lil Transport Malta.

8.4 Sar ilment dwar ilma li qed jgħaddi mill-Wied tad-Dwejra u qed jidħol f'xi kmamar li hemm fil-Qawra. Ġie ssuġġerit li nieħdu parir ta' Perit ta' x'jista' jsir. Intqal li dan il-wied huwa privat u għalhekk irridu noqgħodu x'azzjoni tittieħed.

## 9.0 Approvazzjoni ta' pagamenti

9.1 Il-Kunsill approva unaniment il-pagamenti annessi ma' dawn il-minuti. Il-pagamenti ma' nqrawx waqt il-laqgħa peress li kienu mibgħuta minn qabel lill-kunsilliera permezz ta' *e-mail.*

SAN LAWRENZ

## 10.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5.00pm peress li wħud mill-membri kellhom impenji oħra. Ġie deċiż li kontinwazzjoni ta' din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 31 t'Awwissu, 2015 fit-3.00 pm.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***